MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2011

Numru 389/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Oman Galea**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Esekuttiva fit-22 ta’ Mejju 2008 kontra Oman Galea talli b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda:

1. talli nhar il-15 ta’ Mejju 2008, f’xi hin matul il-gurnata gewwa r-residenza bin-numru 32, Triq l-Isptar San Giljan, Fontana, Ghawdex ikkometta serq ta’ Cashlink Card mahruga mill-BOV mill-fond 32, Triq l-Isptar San Giljan, Fontana Ghawdex, liema serq huwa aggravat bil-lok u bil-persuna ghad-detriment ta’ Regina Muscat.

2. U aktar talli fl-istess data ghal habta tas-7:35 ta' filghaxija ikkometta serq ta' €500 billi permezz tal-Cashlink Card imsemmija aktar 'il fuq fl-akkuza (a) ghamel uzu u gibed is-somma imsemmija minn go Automatic Teller Machine tal-BOV li tinsab fiq Triq ir-Repubblika Rabat, Ghawdex liema serq huwa aggravat bil-persuna u bil-valur ta' aktar minn €232.94 izda inqas minn €2562.31 ghaddannu ta' Regina Muscat.

3. U aktar talli fit-18 ta' Mejju 2008 ghal habta tal-4:00 ta' fil-ghaxija ikkometta serq ta' €100 billi permezz tal-Cashlink Card imsemmija aktar 'il fuq fl-akkuza (a) ghamel uzu u gibed is-somma imsemmija minn go Automatic Teller Machine tal-BOV li tinsab fiq Triq ir-Repubblika Rabat, Ghawdex liema serq huwa aggravat bil-persuna ghad-dannu ta' Regina Muscat.

4. U aktar talli fit-18 ta' Mejju ghal habta tas-6:24 ta' filghaxija ikkometta serq ta' €100 billi permezz tal-Cashlink Card imsemmija aktar 'il fuq fl akkuza (a) ghamel uzu u gibed is-somma imsemmija minn go Automatic Teller Machine tal-BOV li tinsab fiq Triq ir-Repubblika Rabat, Ghawdex liema serq huwa aggravat bil-persuna ghad-dannu ta' Regina Muscat.

5. Akkuzat aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux jigu aktar imhassra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Settembru 2010 li fil-parti dispozittiva taghha tghid:

"Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c) (d)(e), 267, 268, 269(g), 279(a), 280(1), 49, 50, 37, 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' hames xhur prigunerija."

Rat ir-rikors ta' appell ta' Oman Galea minnu prezentat fis-27 ta' Settembru 2010 li permezz tieghu talab li tigi mhassra s-sentenza fuq imsemmija u b'hekk jigi liberat

minn kull htija u piena skond il-ligi u minghajr pregudizzju ghall-premess f'kaz li l-ewwel aggravju jigi michud u din il-Qorti ssib htija sabiex minflok piena karcerarja taghti piena li tkun aktar konformi mal-kaz prezenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell permezz tal-avukati taghhom.

L-ewwel aggravju tal-appellant huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti zbaljat meta rriteniet li ghalkemm omm l-imputat appellant ghazlet ma tixhidx minn imkien ma kien jirrizulta mill-atti li hija kienet irtirat il-kwerela minnha maghmula jew li hafret lil binha u dwar dan l-appellant issottometta illi skond il-ligi taghna il-kwerela qatt ma tista' tigi prezunta imma trid tigi konfermata u ghalhekk huwa qatt ma messu nstab hati skond id-dispozizzjoni tal-artikolu 332 tal-Kodici Kriminali.

Qabel tghaddi sabiex tikkonsidra dan l-aggravju din il-Qorti tosserva li fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2008 l-imputat appellat, fil-prezenza tal-avukat tieghu, kien ddikjara li huwa qed jammetti l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Fl-istess data, izda, l-Qorti dehrilha li kellha tiddiferixxi l-kawza sabiex tisma lil Probation Officer u ghall-provi dwar piena "u biex l-imputat jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu, ghal nhar it-Tlieta 24 ta' Lulju 2008 fl-10.00 a.m.". Fl-24 ta' Lulju 2008 xehdet il-Probation Officer u x-xhieda taghha ma tantx kienet pozittiva fir-rigward tal-imputat. Il-Qorti hasset li ghandha taghti l-ahhar opportunita' lill-imputat u ghalhekk iddiferiet il-kawza ghall-14 ta' Ottubru 2008 f'liema data kellha terga tixhed il-Probation Officer. FL-14 ta' Ottubru 2008 xehdet il-Probation Officer mill-gdid u ghal darb'ohra x-xhieda taghha xejn ma kienet pozittiva rigward l-imputat u dakinhar, wara x-xhieda tal-Probation Officer, l-imputat iddikjara li "m'huwiex f'posizzjoni jirriafferma l-ammissjoni tieghu." L-ewwel Qorti jidher li accettat din id-dikjarazzjoni bhala li tfisser li l-imputat kien qieghed jirtira l-ammissjoni tieghu li kien ghamel aktar minn erbgha xhur qabel u ipprocediet biex taghti s-sentenza taghha fis-16 ta' Settembru 2008 bhallikieku qatt ma kien hemm ammissjoni mill-imputat.

Din il-Qorti tikkonsidra l-procedura addottata mill-ewwel Qorti bhala xejn indikata u xejn ghaqlija. Din il-Qorti tista' tifhem li l-Qorti taghti ftit taz-zmien lill-imputat, ghalkemm assisit mill-avukat tieghu, sabiex jerga jahsibha wara li jkun ammetta l-akkuzi, izda dan, specjalment fi procedura intiza li tkun wahda sommarja, ma ghandux ikun hlief ghal aktar tard fl-istess seduta u mhux l-imputat jinghata addirittura erbgha xhur shah biex jerga jahsibha u, dak li hu aghar, jithalla jiddeciedi l-attitudini tieghu skond ix-xejra ta' dak li jghid dwaru l-probation officer. Altrimenti l-Qorti tkun qed isservi biex tincentiva lill-imputat jistrumentalizza lis-sistema gudizzjarja ghall-ghanijiet tieghu li ma jkunu xejn konformi mal-amministrazzjoni retta tal-gustizzja.

In kwantu ghall-aggravju tieghu fuq imsemmi l-imputat appellant sostanzjalment ghandu ragun. Jinghad "sostanzjalment" ghaliex l-appellant ma ghandux ragun fejn jghd li l-kwerela "qatt ma tista' tigi prezunta" ghaliex fic-cirkostanzi msemmija fl-artikolu 390(5) tal-Kodici Kriminali, li f'dan il-kaz ma jirrikorrux, il-kwerela tigi skond il-ligi prezunta li saret.

Fil-kaz odjern, izda, ir-reati kollha imputati lill-appellant huma reati ta' serq u ghalhekk huma reati kontra l-proprjeta' u ghalhekk, in kwantu li r-reati saru kontra l-proprjeta' ta' axxendent u in kwantu tali jehtiegu li jkun hemm il-kwerela tal-parti offiza. Ghalkemm l-imputat appellant tressaq arrestat quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja fl-ewwel seduta tat-22 ta' Mejju 2008 (fol. 10) huwa ddikjara li ma jsibx oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u fis-seduta immedjatament wara l-ufficjal prosekutur esibixxa l-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 27 ta' Mejju 2008 (Dok. PS a fol. 13 tal-process) sabiex il-kaz kontra l-imputat appellant jigi trattat bi procedura sommarja u minn dakinhar 'il quddiem hekk gie trattat mill-Qorti tal-Magistrati ta' prim istanza.

Ghalhekk f'dawn il-proceduri qatt ma saret kumpilazzjoni u l-kwerela ma setghatx tigi prezunta ghat-tenur tal-artikolu 390(5) tal-Kodici Kriminali. Anqas jista' jinghad li l-proceduri setghu ittiehdu ex ufficio ghat-tenur tal-proviso

tal-artikolu 373 tal-Kodici Kriminali bin-nuqqas ta’ rinunzja tal-kwerela fi zmien erbat ijiem ghaliex dak il-proviso kostantement gie ritenut li japplika biss ghal reati ta’ kompetenza hekk imsejha ‘originali’ tal-Qorti tal-Magistrati u cioe’ ghal-reati soggetti ghal piena ta’ prigunerija ta mhux aktar minn sitt xhur li ma kienx il-kaz tal-imputazzjonijet kontra l-appellant. Ghalhekk kien jehtieg li l-kwerela tigi pruvata mill-prosekuzzjoni u prova tal-kwerela quddiem l-ewwel Qorti ma saritx. Anzi, omm l-imputat quddiem l-ewwel Qorti stqarret li ma xtaqetx tixhed kontra binha l-imputat.

Dan kien ikun bizzejjed sabiex is-sentenza tal-ewwel Qorti tigi revokata.

Izda di più quddiem din il-Qorti fit-12 ta’ Novembru 2010 xehdet Regina Galea, omm l-imputat appellant u ddikjarat li ma rieditx li jitkomplew il-proceduri kriminali kontra tieghu u talbet tirtira kull talba li hi ghamlet sabiex jittiehdu l-proceduri kontra tieghu u b’hekk gie li irtirat kwalunkwe kwerela li setghet ghamlet.

Fid-dawl tal-premess ma hux il-kaz li din il-Qorti tikkonsidra ulterjorment l-aggravju l-iehor tal-appellant li kien jikkoncerna l-piena u fi kwalunkwe kaz kien intiz bhala alternattiv ghall-ewwel aggravju.

Ghall-motivi premessi tilqa’ l-appell ta’ l-imputat Oman Galea billi tirrevoka s-sentenza appellata, issib lill-imputat appellant mhux hati tal-imputazzjonijet kollha kontra tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------